Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2022/0155(COD)

28.7.2023

EMENDI
1719 - 1909

Abbozz ta' rapport
Javier Zarzalejos
(PE746.811v01-00)

L-istabbiliment ta' regoli għall-prevenzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal u għall-ġlieda kontra dan

Proposta għal regolament
(COM(2022)0209 – C9-0174/2022 – 2022/0155(COD))

Emenda 1719
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 51 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Attivitajiet ta' ***proċessar u protezzjoni tad-data***	Attivitajiet ta' ***pproċessar u prinċipji tal-ipproċessar***

Or. en

Emenda 1720
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 51 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jipprovdi l-opinjonijiet dwar l-ordnijiet ta' detezzjoni ppjanati msemmijin fl-Artikolu 7(3);	***imħassar***

Or. en

Emenda 1721
René Repasi, Tiemo Wölken
f'isem il-Grupp S&D
Petar Vitanov
f'isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 51 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jikkoopera mal-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni u jwieġeb għat-talbiet tagħhom b'rabta mal-ordnijiet ta' mblukkar maħsubin kif imsemmi fl-	***imħassar***

Artikolu 16(2);

Or. en

Emenda 1722
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 51 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jikkoopera mal-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni u jwieġeb għat-talbiet tagħhom b'rabta mal-ordnijiet ta' mblukkar maħsubin kif imsemmi fl-Artikolu 16(2);	***imħassar***

Or. en

Emenda 1723
René Repasi, Tiemo Wölken
f'isem il-Grupp S&D
Petar Vitanov
f'isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 51 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) jirċievi u jipproċessa ordnijiet ta' mblukkar trażmessi lilu skont l-Artikolu 17(3);	***imħassar***

Or. en

Emenda 1724
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 51 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) jirċievi u jipproċessa ordnijiet ta' mblukkar trażmessi lilu skont l-Artikolu 17(3);	***imħassar***

Or. en

Emenda 1725
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 51 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) jikkoopera mal-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni f'konformità mal-Artikoli 20 u 21 dwar il-kompiti relatati mad-drittijiet ***tal-vittmi*** għall-informazzjoni u għall-assistenza;	(d) jikkoopera mal-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni f'konformità mal-Artikoli 20 u 21 dwar il-kompiti relatati mad-drittijiet ***tas-superstiti*** għall-informazzjoni u għall-assistenza;

Or. en

Emenda 1726
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 51 – paragrafu 2 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(h) jassisti lill-Kummissjoni, fuq talba tagħha, b'rabta mal-kompiti tagħha taħt il-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni msemmi fl-Artikolu 37;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1727
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 51 – paragrafu 2 – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) joħloq, iżomm u jopera l-bażijiet tad-data tal-indikaturi msemmijin fl-Artikolu 44;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1728
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 51 – paragrafu 2 – punt k

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(k) jagħti u jimmonitorja l-aċċess ***għall-bażijiet tad-data tal-indikaturi u*** tar-rapporti f'konformità mal-Artikolu 46;	(k) jagħti u jimmonitorja l-aċċess ***għall-bażi tad-data*** tar-rapporti f'konformità mal-Artikolu 46;

Or. en

Emenda 1729
René Repasi, Tiemo Wölken
f'isem il-Grupp S&D
Petar Vitanov
f'isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 51 – paragrafu 2 – punt m

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(m) jivvaluta u jipproċessa rapporti ta' abbuż sesswali tat-tfal ***online*** potenzjali f'konformità mal-Artikolu 48;	(m) jivvaluta u jipproċessa rapporti ta' abbuż sesswali tat-tfal potenzjali f'konformità mal-Artikolu 48;

Or. en

Emenda 1730
René Repasi, Tiemo Wölken
f'isem il-Grupp S&D
Petar Vitanov
f'isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 51 – paragrafu 2 – punt n

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(n) jikkoopera mal-Europol u mal-organizzazzjonijiet sħab f'konformità mal-Artikoli 53 u 54, inkluż dwar kompiti relatati mal-identifikazzjoni tal-vittmi;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1731
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 51 – paragrafu 2 – punt n

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(n) jikkoopera mal-Europol u mal-organizzazzjonijiet sħab f'konformità mal-Artikoli 53 u 54, inkluż dwar kompiti relatati mal-identifikazzjoni ***tal-vittmi***;	(n) jikkoopera mal-Europol u mal-organizzazzjonijiet sħab f'konformità mal-Artikoli 53 u 54, inkluż dwar kompiti relatati mal-identifikazzjoni ***tas-superstiti***;

Or. en

Emenda 1732
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 51 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Iċ-Ċentru tal-UE għandu jaħżen id-data personali msemmija fil-paragrafu	***imħassar***

2 biss meta u sakemm tkun strettament neċessarja għall-finijiet applikabbli elenkati fil-paragrafu 2.

Or. en

Emenda 1733
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 51 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Id-data personali msemmija fil-paragrafu 2 għandha tiġi pproċessata skont il-prinċipji li ġejjin.Din għandha
	(a) tiġi pproċessata b'mod legali u ġust ("legalità u ġustizzja");
	(b) tinġabar għal finijiet speċifiċi, espliċiti u leġittimi u mhux tiġi pproċessata b'mod li jkun inkompatibbli ma' dawk il-finijiet ("limitazzjoni tal-fini");
	(c) tkun adegwata, rilevanti, u mhux eċċessiva fir-rigward tal-finijiet li għalihom tiġi pproċessata ("minimizzazzjoni tad-data");
	(d) tkun korretta u, meta jkun neċessarju, miżmuma aġġornata;kull pass raġonevoli jrid jittieħed sabiex jiġi żgurat li data personali li ma tkunx preċiża, fid-dawl tal-finijiet li għalihom tiġi pproċessata, titħassar jew tiġi rettifikata mingħajr dewmien ("eżattezza");
	(e) tinżamm f'forma li tippermetti l-identifikazzjoni tas-suġġetti tad-data għal mhux aktar minn dak li jkun strettament neċessarju għall-finijiet li għalihom id-data personali tiġi pproċessata ("limitazzjoni tal-ħżin").

Or. en

Emenda 1734
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 51 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Għandu jiżgura li d-data personali tinħażen b'mod sikur u li l-ħżin ikun soġġett għal salvagwardji tekniċi u organizzazzjonali xierqa. Dawk is-salvagwardji għandhom jiżguraw, b'mod partikolari, li d-data personali tkun tista' tiġi aċċessata u pproċessata biss għall-fini li għalih tinħażen, li jinkiseb livell għoli ta' sigurtà u li d-data personali titħassar meta ma tibqax strettament neċessarja għall-finijiet applikabbli. Għandu jirrieżamina b'mod regolari dawk is-salvagwardji u jaġġustahom meta dan ikun neċessarju.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1735
René Repasi, Tiemo Wölken
f'isem il-Grupp S&D
Paul Tang, Petar Vitanov
f'isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 51 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Għandu jiżgura li d-data personali tinħażen b'mod sikur u li l-ħżin ikun soġġett għal salvagwardji tekniċi u organizzazzjonali ***xierqa***. Dawk is-salvagwardji għandhom jiżguraw, b'mod partikolari, li d-data personali tkun tista' tiġi aċċessata u pproċessata biss għall-fini li għalih tinħażen, li jinkiseb livell għoli ta' sigurtà u li d-data personali titħassar meta	4. Għandu jiżgura li d-data personali tinħażen b'mod ***kriptat jew protett b'mod*** sikur ***simili*** u li l-ħżin ikun soġġett għal salvagwardji tekniċi u organizzazzjonali ***tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku. Ir-rekwiżiti tas-sigurtà għas-sigurtà tad-data skont l-Artikolu 88 tar-Regolament (UE) 2018/1725, l-Artikolu 32 tar-Regolament 767/2008, l-Artikolu 16 tar-Regolament***

ma tibqax strettament neċessarja għall-finijiet applikabbli. Għandu jirrieżamina b'mod regolari dawk is-salvagwardji u jaġġustahom meta dan ikun neċessarju.	***1987/2006, l-Artikolu 16 tar-Regolament 2018/1862 u l-Artikolu 34 tar-Regolament 603/2013 għandhom japplikaw kif xieraq***. Dawk is-salvagwardji għandhom jiżguraw, b'mod partikolari, li d-data personali tkun tista' tiġi aċċessata u pproċessata biss għall-fini li għalih tinħażen, li jinkiseb livell għoli ta' sigurtà u li d-data personali titħassar meta ma tibqax strettament neċessarja għall-finijiet applikabbli. Għandu jirrieżamina b'mod regolari dawk is-salvagwardji u jaġġustahom meta dan ikun neċessarju.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Spazju riżervat Emenda biex jiġu inklużi aktar salvagwardji u l-ogħla miżuri ta' ċibersigurtà.

Emenda 1736
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 51a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 51a
	Il-protezzjoni tad-data u s-sigurtà
	1. Iċ-Ċentru tal-UE għandu jadotta l-miżuri meħtieġa, inkluż pjan ta' sigurtà u pjan ta' rkupru minn diżastri għas-Sistemi tal-IT tiegħu, il-bażijiet tad-data u l-Infrastruttura ta' Komunikazzjoni sabiex:
	(a) jipproteġi fiżikament id-data, inkluż billi jagħmel pjanijiet ta' kontinġenza għall-protezzjoni ta' infrastruttura kritika;
	(b) jiċħad l-aċċess lil persuni mhux awtorizzati għal faċilitajiet li jipproċessaw id-data użati għall-ipproċessar ta' data personali (kontroll tal-aċċess għall-

faċilitajiet);

(c) jimpedixxi l-qari, l-ikkupjar, il-modifika jew it-tneħħija mhux awtorizzata tal-mezzi tad-data (kontroll tal-mezzi tad-data);

(d) jimpedixxi d-dħul mhux awtorizzat ta' data u l-ispezzjoni, il-modifika jew it-tħassir mhux awtorizzat ta' data personali maħżuna (kontroll tal-ħżin);

(e) jipprevjeni l-użu ta' sistemi ta' pproċessar tad-data awtomatizzati minn persuni mhux awtorizzati li jużaw tagħmir għall-komunikazzjoni tad-data (kontroll tal-utent);

(f) jipprevjeni l-ipproċessar mhux awtorizzat ta' data fil-bażijiet tad-data u kwalunkwe modifika jew tħassir mhux awtorizzati ta' data pproċessata fil-bażijiet tad-data (kontroll ta' input ta' data);

(g) jiżgura li l-persuni awtorizzati biex jużaw sistema ta' pproċessar tad-data awtomatizzata jkollhom aċċess biss għad-data koperta mill-awtorizzazzjoni għall-aċċess tagħhom, u esklużivament permezz ta' identifikaturi individwali u uniċi tal-utent u modalitajiet ta' aċċess kunfidenzjali (kontroll tal-aċċess għad-data);

(h) joħloq profili li jiddeskrivu l-funzjonijiet u r-responsabbiltajiet tal-persuni kollha li huma awtorizzati jaċċessaw id-data jew il-faċilitajiet tal-ipproċessar tad-data u jagħmel dawk il-profili u kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra għal finijiet superviżorji disponibbli għall-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data mingħajr dewmien fuq talba tiegħu (profili tal-persunal);

(i) jiżgura li jkun possibbli li jiġi verifikat u stabbilit lil liema korpi tista' tintbagħat id-data personali bl-użu ta' tagħmir għall-komunikazzjoni tad-data (kontroll tal-komunikazzjoni);

(j) jiżgura li jkun sussegwentement

possibbli li jiġi vverifikat u stabbilit liema data personali ddaħħlet f'sistemi ta' pproċessar tad-data awtomatizzati, meta u minn min (kontroll tad-dħul);

(k) jimpedixxi l-qari, l-ikkupjar, il-modifika jew it-tħassir mhux awtorizzat ta' data personali waqt it-trażmissjoni ta' data personali jew waqt it-trasport ta' mezzi tad-data, b'mod partikolari b'tekniki kriptografiċi adatti (kontroll tat-trasport);

(l) jimmonitorja l-effettività tal-miżuri ta' sigurtà msemmija f'dan il-paragrafu u jieħu l-miżuri organizzattivi meħtieġa relatati mal-monitoraġġ intern sabiex jiżgura konformità ma' dan ir-Regolament (awto-verifika) u biex fi żmien 24 siegħa jidentifika awtomatikament kull każ relevanti fl-applikazzjoni ta' miżuri elenkati fil-punti (b) sa (k) li jistgħu jindikaw is-seħħ ta' inċident ta' sigurtà;

(m) jiżgura li, f'każ ta' operazzjonijiet interrotti, is-sistemi installati jkunu jistgħu jerġgħu jibdew joperaw b'mod normali (irkupru);

(n) jiżgura li l-bażijiet tad-data jaqdu l-funzjonijiet tagħhom kif suppost, li l-ħsarat jiġu rrapportati (affidabbiltà) u li d-data personali maħżuna fil-bażijiet tad-data ma tkunx tista' tiġi korrotta permezz tal-funzjonament ħażin tas-sistema (integrità); u

(o) jiżgura s-sigurtà tas-siti tekniċi tiegħu.

2. Iċ-Ċentru tal-UE għandu jieħu miżuri ekwivalenti għal dawk imsemmija fil-paragrafu 1 fir-rigward tas-sigurtà f'dak li għandu x'jaqsam mal-ipproċessar u l-iskambju ta' informazzjoni supplimentari permezz tal-Infrastruttura ta' Komunikazzjoni.

Or. en

Emenda 1737
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 52 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-uffiċjali ta' kuntatt għandhom jassistu fl-iskambju ta' informazzjoni bejn iċ-Ċentru tal-UE u l-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni li jiddeżinjawhom. ***Meta ċ-Ċentru tal-UE jirċievi rapporti sottomessi f'konformità mal-Artikolu 12 dwar id-disseminazzjoni potenzjali ta' materjal ġdid ta' abbuż sesswali tat-tfal jew is-sollecitazzjoni potenzjali tat-tfal, l-uffiċjali ta' kuntatt dežinjati mill-Istat Membru kompetenti għandhom jiffaċilitaw il-proċess sabiex jiddeterminaw l-illegalità tal-materjal jew tal-konverżazzjoni, f'konformità mal-Artikolu 36(1).***	2. L-uffiċjali ta' kuntatt għandhom jassistu fl-iskambju ta' informazzjoni bejn iċ-Ċentru tal-UE u l-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni li jiddeżinjawhom.

Or. en

Emenda 1738
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 53 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Meta dan ikun neċessarju għat-twettiq tal-kompiti tiegħu skont dan ir-Regolament, fi ħdan il-mandati rispettivi tagħhom, iċ-Ċentru tal-UE għandu ***jikkoopera mal-Europol***.	1. Meta dan ikun neċessarju għat-twettiq tal-kompiti tiegħu skont dan ir-Regolament, fi ħdan il-mandati rispettivi tagħhom, iċ-Ċentru tal-UE għandu ***jfittex parir mill-Europol***.

Or. en

Emenda 1739
Fabienne Keller, Nathalie Loiseau

Proposta għal regolament
Artikolu 53 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Il-Europol u ċ-Ċentru tal-UE għandhom jikkooperaw maċ-ċentru NCMEC fil-ġlieda kontra materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal. Din il-kooperazzjoni tista' tikkonsisti fil-kondiviżjoni tal-bażijiet tad-data tagħhom ta' materjali magħrufa ta' abbuż sesswali tat-tfal.

Or. en

Emenda 1740
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 53 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-Europol u ċ-Ċentru tal-UE għandhom jipprovdu lil xulxin bl-akbar aċċess possibbli għall-informazzjoni u għas-sistemi ta' informazzjoni rilevanti, meta dawn ikunu neċessarji għat-twettiq tal-kompiti rispettivi tagħhom u f'konformità mal-atti tad-dritt tal-Unjoni li jirregolaw tali aċċess.	***imħassar***
Mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltajiet tad-Direttur Eżekuttiv, iċ-Ċentru tal-UE għandu jimmassimizza l-effiċjenza billi jaqsam funzjonijiet amministrattivi mal-Europol, inklużi funzjonijiet relatati mal-ġestjoni tal-persunal, mat-teknoloġija tal-informazzjoni (IT) u mal-implimentazzjoni tal-baġit.	

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-bażi legali għal dan l-istrument ma tippermettix li jiżdiedu kompiti mal-Europol.

Emenda 1741
René Repasi, Tiemo Wölken
f'isem il-Grupp S&D
Petar Vitanov
f'isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 53 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-Europol u ċ-Ċentru tal-UE għandhom jipprovdu lil xulxin bl-akbar aċċess possibbli għall-informazzjoni u għas-sistemi ta' informazzjoni rilevanti, meta dawn ikunu neċessarji għat-twettiq tal-kompiti rispettivi tagħhom u f'konformità mal-atti tad-dritt tal-Unjoni li jirregolaw tali aċċess.	***imħassar***
Mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltajiet tad-Direttur Eżekuttiv, iċ-Ċentru tal-UE għandu jimmassimizza l-effiċjenza billi jaqsam funzjonijiet amministrattivi mal-Europol, inklużi funzjonijiet relatati mal-ġestjoni tal-persunal, mat-teknoloġija tal-informazzjoni (IT) u mal-implimentazzjoni tal-baġit.	

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-Artikolu 53(2) joffri l-unika referenza fil-Proposta għal aċċess miċ-Ċentru tal-UE għas-sistemi ta' informazzjoni tal-Europol. Għalhekk mhuwiex ċar għal liema finijiet, u skont liema salvagwardji speċifiċi, iseħħ tali aċċess. Iċ-Ċentru propost tal-UE mhuwiex korp tal-infurzar tal-liġi, u taħt l-ebda ċirkostanza ma għandu jingħata aċċess dirett għas-sistemi ta' informazzjoni tal-Europol!

Emenda 1742

Paul Tang, Alex Agius Saliba, Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 53 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Europol u ċ-Ċentru tal-UE għandhom jipprovdu lil xulxin bl-akbar aċċess possibbli għall-informazzjoni u għas-sistemi ta' informazzjoni rilevanti, meta dawn ikunu neċessarji għat-twettiq tal-kompiti rispettivi tagħhom u f'konformità mal-atti tad-dritt tal-Unjoni li jirregolaw tali aċċess.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1743
Vincenzo Sofo, Jadwiga Wiśniewska

Proposta għal regolament
Artikolu 53 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Europol u ċ-Ċentru tal-UE għandhom jipprovdu lil xulxin bl-akbar aċċess possibbli għall-informazzjoni u għas-sistemi ta' informazzjoni rilevanti, meta dawn ikunu neċessarji għat-twettiq tal-kompiti rispettivi tagħhom u f'konformità mal-atti tad-dritt tal-Unjoni li jirregolaw tali aċċess.	Il-Europol u ċ-Ċentru tal-UE għandhom jipprovdu lil xulxin bl-akbar aċċess possibbli għall-informazzjoni u għas-sistemi ta' informazzjoni rilevanti, meta dawn ikunu neċessarji għat-twettiq tal-kompiti rispettivi tagħhom u f'konformità mal-atti tad-dritt tal-Unjoni li jirregolaw tali aċċess. ***Kwalunkwe aċċess għal data personali pproċessata fis-sistemi ta' informazzjoni tal-Europol, meta jitqies meħtieġ b'mod strett għat-twettiq tal-kompiti taċ-Ċentru tal-UE, għandu jingħata biss fuq bażi ta' każ b'każ, mal-preżentazzjoni ta' talba espliċita, li tindika l-iskop speċifiku u l-ġustifikazzjoni. Il-Europol għandha tkun meħtieġa tivvaluta b'mod diliġenti dawk it-talbiet u tittrażmetti biss data personali liċ-Ċentru tal-UE fejn strettament meħtieġ u tippromwovi l-iskop meħtieġ.***

Or. en

Emenda 1744
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 53 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Europol u ċ-Ċentru tal-UE għandhom jipprovdu lil xulxin ***bl-akbar aċċess possibbli*** għall-informazzjoni ***u għas-sistemi ta' informazzjoni*** rilevanti, meta dawn ikunu neċessarji għat-twettiq tal-kompiti rispettivi tagħhom u f'konformità mal-atti tad-dritt tal-Unjoni li jirregolaw tali aċċess.	Il-Europol u ċ-Ċentru tal-UE għandhom jipprovdu lil xulxin ***b'aċċess*** għall-informazzjoni rilevanti, meta dawn ikunu neċessarji għat-twettiq tal-kompiti rispettivi tagħhom u f'konformità mal-atti tad-dritt tal-Unjoni li jirregolaw tali aċċess.

Or. en

Emenda 1745
Paul Tang, Alex Agius Saliba, Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 53 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltajiet tad-Direttur Eżekuttiv, iċ-Ċentru tal-UE għandu jimmassimizza l-effiċjenza billi jaqsam funzjonijiet amministrattivi mal-Europol, inklużi funzjonijiet relatati mal-ġestjoni tal-persunal, mat-teknoloġija tal-informazzjoni (IT) u mal-implimentazzjoni tal-baġit.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1746
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 53 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltajiet tad-Direttur Eżekuttiv, iċ-Ċentru tal-UE għandu jimmassimizza l-effiċjenza billi jaqsam funzjonijiet amministrattivi mal-Europol, inklużi funzjonijiet relatati mal-ġestjoni tal-persunal, mat-teknoloġija tal-informazzjoni (IT) u mal-implimentazzjoni tal-baġit.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1747
Hilde Vautmans, Olivier Chastel

Proposta għal regolament
Artikolu 53 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltajiet tad-Direttur Eżekuttiv, iċ-Ċentru tal-UE għandu jimmassimizza l-effiċjenza billi jaqsam funzjonijiet amministrattivi mal-Europol, inklużi funzjonijiet relatati mal-ġestjoni tal-persunal, mat-teknoloġija tal-informazzjoni (IT) u mal-implimentazzjoni tal-baġit.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1748
Hilde Vautmans, Olivier Chastel

Proposta għal regolament
Artikolu 53 – paragrafu 2 – subparagrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Iċ-Ċentru tal-UE għandu jopera b'mod indipendenti mill-Europol u korpi oħra tal-infurzar tal-liġi.

Or. en

Emenda 1749
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 53 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Kwalunkwe trasferiment ta' data personali lill-Europol huwa rregolat mir-Regolament 2018/1725.

Or. en

Emenda 1750
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 53 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. It-termini ta' kooperazzjoni u l-arranġamenti tax-xogħol għandhom jiġu stabbiliti f'memorandum ta' qbil.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1751
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 53 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. It-termini ta' kooperazzjoni ***u l-arranġamenti tax-xogħol*** għandhom jiġu stabbiliti ***f'memorandum ta' qbil***.	3. It-termini ta' kooperazzjoni għandhom jiġu stabbiliti ***f'arranġamenti tax-xogħol, f'konformità mal-Artikolu 23(4) tar-Regolament 2016/794***.

Or. en

Emenda 1752
René Repasi, Tiemo Wölken
f'isem il-Grupp S&D
Petar Vitanov
f'isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 53 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. It-termini ta' kooperazzjoni u l-arranġamenti tax-xogħol għandhom jiġu stabbiliti f'memorandum ta' qbil.	3. It-termini ta' kooperazzjoni u l-arranġamenti tax-xogħol għandhom jiġu stabbiliti f'memorandum ta' qbil ***aċċessibbli għall-pubbliku***.

Or. en

Emenda 1753
Paul Tang, Alex Agius Saliba, Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 53 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. It-termini ta' kooperazzjoni u l-arranġamenti tax-xogħol għandhom jiġu stabbiliti f'memorandum ta' qbil.	3. It-termini ta' kooperazzjoni u l-arranġamenti tax-xogħol għandhom jiġu stabbiliti f'memorandum ta' qbil ***aċċessibbli għall-pubbliku***.

Or. en

Emenda 1754
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 54 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet ***sħab***	Kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet ***esterni***

Or. en

Emenda 1755
Hilde Vautmans, Maite Pagazaurtundúa, Olivier Chastel, Fabienne Keller, Lucia Ďuriš Nicholsonová, Nathalie Loiseau

Proposta għal regolament
Artikolu 54 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Meta jkun neċessarju għat-twettiq tal-kompiti tiegħu skont dan ir-Regolament, iċ-Ċentru tal-UE jista' jikkoopera ma' organizzazzjonijiet u ma' networks b'informazzjoni u b'għarfien espert dwar kwistjonijiet relatati mal-prevenzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal online u mal-ġlieda kontra dan, inklużi organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u organizzazzjonijiet semipubbliċi.	1. Meta jkun neċessarju għat-twettiq tal-kompiti tiegħu skont dan ir-Regolament, iċ-Ċentru tal-UE jista' jikkoopera ma' organizzazzjonijiet u ma' networks b'informazzjoni u b'għarfien espert dwar kwistjonijiet relatati mal-prevenzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal online u mal-ġlieda kontra dan, inklużi organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili ***li jaġixxu fl-interess tal-pubbliku, hotlines*** u organizzazzjonijiet semipubbliċi.

Or. en

Emenda 1756
Loránt Vincze, Miriam Lexmann, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 54 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Meta jkun neċessarju għat-twettiq	1. Meta jkun neċessarju għat-twettiq

tal-kompiti tiegħu skont dan ir-Regolament, iċ-Ċentru tal-UE ***jista'*** jikkoopera ma' organizzazzjonijiet u ma' networks b'informazzjoni u b'għarfien espert dwar kwistjonijiet relatati mal-prevenzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal online u mal-ġlieda kontra dan, inklużi organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u organizzazzjonijiet semipubbliċi.	tal-kompiti tiegħu skont dan ir-Regolament, iċ-Ċentru tal-UE ***għandu*** jikkoopera ma' organizzazzjonijiet u ma' networks b'informazzjoni u b'għarfien espert dwar kwistjonijiet relatati mal-prevenzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal online u mal-ġlieda kontra dan, inklużi organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u organizzazzjonijiet semipubbliċi ***u n-network INHOPE***.

Or. en

Emenda 1757
René Repasi, Tiemo Wölken
f'isem il-Grupp S&D
Petar Vitanov
f'isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 54 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Meta jkun neċessarju*** għat-twettiq tal-kompiti tiegħu skont dan ir-Regolament, iċ-Ċentru tal-UE ***jista'*** jikkoopera ma' organizzazzjonijiet u ma' networks b'informazzjoni u b'għarfien espert dwar kwistjonijiet relatati mal-prevenzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal online u mal-ġlieda kontra dan, inklużi organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u organizzazzjonijiet semipubbliċi.	1. Għat-twettiq tal-kompiti tiegħu skont dan ir-Regolament, iċ-Ċentru tal-UE ***għandu*** jikkoopera ma' organizzazzjonijiet u ma' networks b'informazzjoni u b'għarfien espert dwar kwistjonijiet relatati mal-prevenzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal online u mal-ġlieda kontra dan, inklużi organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u organizzazzjonijiet semipubbliċi.

Or. en

Emenda 1758
Lucia Ďuriš Nicholsonová, Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Artikolu 54 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. B'mod partikolari, il-kooperazzjoni maċ-Ċentru tal-UE msemmija fil-paragrafu 1 tista' tinkludi dan li ġej: (a) l-appoġġ lill-Kummissjoni fit-tħejjija tal-linji gwida msemmija fl-Artikolu 3(8), l-Artikolu 4(5), l-Artikolu 6(4) u l-Artikolu 11; (b) l-aġġornament tal-bażijiet tad-data tal-indikaturi msemmija fl-Artikolu 44; (c) l-innovazzjoni ta' teknoloġiji ġodda u eżistenti ta' detezzjoni; (d) it-tqegħid ta' teknoloġiji għad-dispożizzjoni tal-forniturigħall-eżekuzzjoni ta' ordnijiet ta' detezzjoni maħruġa lilhom, f'konformità mal-Artikolu 50(1).

Or. en

Emenda 1759
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 54 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Iċ-Ċentru tal-UE jista' jikkonkludi memoranda ta' qbil mal-organizzazzjonijiet imsemmijin fil-paragrafu 1, li jistabbilixxu t-termini tal-kooperazzjoni.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1760
Loránt Vincze, Miriam Lexmann, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 54 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Iċ-Ċentru tal-UE ***jista'*** jikkonkludi	2. Iċ-Ċentru tal-UE ***għandu***

memoranda ta' qbil mal-organizzazzjonijiet imsemmijin fil-paragrafu 1, li jistabbilixxu t-termini tal-kooperazzjoni.	jikkonkludi ***ftehimiet ta' kooperazzjoni strateġika u/jew operazzjonali*** mal-organizzazzjonijiet imsemmijin fil-paragrafu 1, li jistabbilixxu t-termini tal-kooperazzjoni.

Or. en

Emenda 1761
Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Olivier Chastel, Maite Pagazaurtundúa, Abir Al-Sahlani, Lucia Ďuriš Nicholsonová, Nathalie Loiseau

Proposta għal regolament
Artikolu 54 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Iċ-Ċentru tal-UE għandu jikkoopera ma' organizzazzjonijiet u korpi oħra li jwettqu funzjonijiet simili f'ġuriżdizzjonijiet oħra, bħaċ-Ċentru Nazzjonali għat-Tfal Neqsin u Sfruttati ("NCMEC") u ċ-Ċentru Kanadiż għall-Protezzjoni tat-Tfal, fost l-oħrajn, li jaqdu l-istess skop ta' dan ir-Regolament, kif ukoll sabiex tiġi evitata d-duplikazzjoni potenzjali tal-obbligi ta' rapportar għall-forniturі.

Or. en

Emenda 1762
Paul Tang, Alex Agius Saliba, Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 55 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-istruttura amministrattiva u maniġerjali taċ-Ċentru tal-UE għandha tinkludi:	L-istruttura amministrattiva u maniġerjali taċ-Ċentru tal-UE għandha ***tkun ibbilanċjata bejn il-ġeneri u*** tinkludi:

Or. en

Emenda 1763
Patrick Breyer, Alexandra Geese

Proposta għal regolament
Artikolu 55 – paragrafu 1 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) Bord Konsultattiv tas-Superstiti, li għandu jeżerċita l-kompiti stabbiliti fl-Artikolu 66a.

Or. en

Emenda 1764
Paul Tang, Alex Agius Saliba, Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 55 – paragrafu 1 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) Uffiċjal għad-Drittijiet Fundamentali, li għandu jeżerċita l-kompiti stabbiliti fl-Artikolu 66b;

Or. en

Emenda 1765
Paul Tang, Alex Agius Saliba, Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 55 – paragrafu 1 – punt db (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(db) Forum Konsultattiv tal-Esperti, li għandu jeżerċita l-kompiti stabbiliti fl-Artikolu 66a;

Or. en

Emenda 1766
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 56 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jkun magħmul minn rappreżentant wieħed minn kull Stat Membru u ***minn żewġ rappreżentanti tal-Kummissjoni***, kollha bħala membri bid-drittijiet tal-vot.	1. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jkun magħmul minn rappreżentant wieħed minn kull Stat Membru u ***rappreżentant wieħed tal-Kummissjoni u minn rappreżentant wieħed tal-Parlament Ewropew***, kollha bħala membri bid-drittijiet tal-vot.

Or. en

Emenda 1767
Paul Tang, Alex Agius Saliba, Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 56 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jkun magħmul minn rappreżentant wieħed minn kull Stat Membru u minn żewġ rappreżentanti tal-Kummissjoni, kollha bħala membri bid-drittijiet tal-vot.	1. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jkun ***ibbilanċjat bejn il-ġeneri u*** magħmul minn rappreżentant wieħed minn kull Stat Membru u minn żewġ rappreżentanti tal-Kummissjoni, kollha bħala membri bid-drittijiet tal-vot.

Or. en

Emenda 1768
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 56 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jkun magħmul minn rappreżentant wieħed minn	1. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jkun magħmul minn rappreżentant wieħed minn

kull Stat Membru u minn ***żewġ rappreżentanti*** tal-Kummissjoni, kollha bħala membri bid-drittijiet tal-vot.	kull Stat Membru u minn ***rappreżentant wieħed*** tal-Kummissjoni, kollha bħala membri bid-drittijiet tal-vot.

Or. en

Emenda 1769
Patrick Breyer, Alexandra Geese
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 56 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Membru wieħed tal-Kumitat tat-Teknoloġija u membru wieħed tal-Bord Konsultattiv tas-Superstiti kif stabbilit fl-Artikoli 66 u 66a jistgħu jattendu l-laqgħat tal-Bord tat-Tmexxija bħala osservaturi.

Or. en

Emenda 1770
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 56 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Bord tat-Tmexxija għandu jinkludi wkoll osservatur espert indipendenti dežinjat mill-Parlament Ewropew, mingħajr id-dritt tal-vot.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

koperta fil-paragrafu 1

Emenda 1771
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 56 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Europol tista' tiddeżinja rappreżentant sabiex jattendi l-laqgħat tal-Bord tat-Tmexxija bħala osservatur dwar kwistjonijiet li jinvolvu l-Europol, fuq talba tal-President tal-Bord tat-Tmexxija.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-Bord tat-Tmexxija huwa liberu li jistieden lill-mistednin f'kull ħin. L-ebda ħtieġa li jiġi stabbilit siġġu għall-Europol fil-liġi.

Emenda 1772
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 56 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Europol tista' tiddeżinja rappreżentant sabiex jattendi l-laqgħat tal-Bord tat-Tmexxija bħala osservatur dwar kwistjonijiet ***li jinvolvu l-Europol, fuq talba tal-President tal-Bord tat-Tmexxija***.	***L-EDPS jista' jiddeżinja*** rappreżentant sabiex jattendi l-laqgħat tal-Bord tat-Tmexxija bħala osservatur dwar kwistjonijiet ***relatati mal-protezzjoni tad-data personali***.

Or. en

Emenda 1773
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 56 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

3. Kull membru tal-Bord tat-Tmexxija għandu jkollu membru supplenti. Il-membru supplenti għandu jirrappreżenta lill-membru fl-assenza tiegħu.	3. Kull membru tal-Bord tat-Tmexxija għandu jkollu membru supplenti. Il-membru supplenti għandu jirrappreżenta lill-membru fl-assenza tiegħu.

Or. en

Emenda 1774
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 56 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Kull membru tal-Bord tat-Tmexxija għandu jkollu membru supplenti. Il-membru supplenti għandu jirrappreżenta lill-membru fl-assenza tiegħu.	3. Kull membru tal-Bord tat-Tmexxija għandu jkollu membru supplenti. Il-membru supplenti għandu jirrappreżenta lill-membru fl-assenza tiegħu.

Or. en

Emenda 1775
Paul Tang, Alex Agius Saliba

Proposta għal regolament
Artikolu 56 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-membri tal-Bord tat-Tmexxija u l-membri supplenti tagħhom għandhom jinħatru fid-dawl tal-għarfien tagħhom fil-qasam tal-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal, filwaqt li jitqiesu l-ħiliet maniġerjali, amministrattivi u baġitarji rilevanti. L-Istati Membri għandhom jaħtru rappreżentant tal-Awtorità ta' Koordinazzjoni tagħhom, fi żmien erba' xhur minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. Il-partijiet kollha rappreżentati fil-Bord tat-Tmexxija għandhom jagħmlu sforzi sabiex jillimitaw id-dawran tar-rappreżentanti tagħhom,	4. Il-membri tal-Bord tat-Tmexxija u l-membri supplenti tagħhom għandhom jinħatru fid-dawl tal-għarfien tagħhom fil-qasam tal-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal, filwaqt li jitqiesu l-ħiliet maniġerjali, amministrattivi u baġitarji rilevanti. L-Istati Membri għandhom jaħtru rappreżentant tal-Awtorità ta' Koordinazzjoni tagħhom, fi żmien erba' xhur minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. Il-partijiet kollha rappreżentati fil-Bord tat-Tmexxija għandhom jagħmlu sforzi sabiex jillimitaw id-dawran tar-rappreżentanti tagħhom,

sabiex tiġi żgurata l-kontinwità tal-ħidma tiegħu. Il-partijiet kollha ***għandu jkollhom l-għan li jiksbu rappreżentanza bilanċjata*** bejn l-irġiel u n-nisa ***fil-Bord tat-Tmexxija***.	sabiex tiġi żgurata l-kontinwità tal-ħidma tiegħu. Il-partijiet kollha ***għandhom jiżguraw li, fuq il-Bord tat-Tmexxija, jinkiseb bilanċ bejn il-ġeneri*** bejn l-irġiel u n-nisa ***b'mill-inqas 40 % tal-kandidati ta' kull sess***.

Or. en

Emenda 1776
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 56 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-membri tal-Bord tat-Tmexxija u l-membri supplenti tagħhom għandhom jinħatru fid-dawl tal-għarfien tagħhom fil-qasam tal-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal, filwaqt li jitqiesu l-ħiliet maniġerjali, amministrattivi u baġitarji rilevanti. L-Istati Membri għandhom jaħtru rappreżentant tal-Awtorità ta' Koordinazzjoni tagħhom, fi żmien erba' xhur minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. Il-partijiet kollha rappreżentati fil-Bord tat-Tmexxija għandhom jagħmlu sforzi sabiex jillimitaw id-dawran tar-rappreżentanti tagħhom, sabiex tiġi żgurata l-kontinwità tal-ħidma tiegħu. ***Il-partijiet kollha għandu jkollhom l-għan li jiksbu rappreżentanza bilanċjata bejn l-irġiel u n-nisa fil-Bord tat-Tmexxija.***	4. Il-membri tal-Bord tat-Tmexxija u l-membri supplenti tagħhom għandhom jinħatru fid-dawl tal-għarfien ***espert ippruvat*** tagħhom fil-qasam ***tal-prevenzjoni u*** tal-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal ***u l-appoġġ għall-vittmi***, filwaqt li jitqiesu l-ħiliet maniġerjali, amministrattivi u baġitarji rilevanti. L-Istati Membri għandhom jaħtru rappreżentant tal-Awtorità ta' Koordinazzjoni tagħhom, fi żmien erba' xhur minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. Il-partijiet kollha rappreżentati fil-Bord tat-Tmexxija għandhom jagħmlu sforzi sabiex jillimitaw id-dawran tar-rappreżentanti tagħhom, sabiex tiġi żgurata l-kontinwità tal-ħidma tiegħu.

Or. en

Emenda 1777
Patrick Breyer, Alexandra Geese

Proposta għal regolament
Artikolu 57 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) jadotta regoli għall-prevenzjoni u għall-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess fir-rigward tal-membri tiegħu, kif ukoll għall-membri tal-Kumitat Teknoloġiku u ***ta' kwalunkwe grupp*** konsultattiv ***ieħor, huwa jista' jistabbilixxi*** u jippubblika kull sena fuq is-sit web tiegħu d-dikjarazzjoni tal-interessi tal-membri tal-Bord tat-Tmexxija;	(c) jadotta regoli għall-prevenzjoni u għall-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess fir-rigward tal-membri tiegħu, kif ukoll għall-membri tal-Kumitat Teknoloġiku u ***tal-Bord*** Konsultattiv ***tas-Superstiti*** u jippubblika kull sena fuq is-sit web tiegħu d-dikjarazzjoni tal-interessi tal-membri tal-Bord tat-Tmexxija;

Or. en

Emenda 1778
Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Olivier Chastel, Maite Pagazaurtundúa, Lucia Ďuriš Nicholsonová, Nathalie Loiseau

Proposta għal regolament
Artikolu 57 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) jaħtar il-membri tal-Kumitat tat-Teknoloġija, u ta' kwalunkwe grupp konsultattiv ieħor li jista' jistabbilixxi;	(f) jaħtar il-membri tal-Kumitat tat-Teknoloġija, ***tal-Bord Konsultattiv tad-Drittijiet tat-Tfal u tas-Superstiti*** u ta' kwalunkwe grupp konsultattiv ieħor li jista' jistabbilixxi;

Or. en

Emenda 1779
Paul Tang, Alex Agius Saliba

Proposta għal regolament
Artikolu 57 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) jaħtar il-membri tal-Kumitat tat-Teknoloġija, u ta' kwalunkwe grupp konsultattiv ieħor li jista' jistabbilixxi;	(f) jaħtar il-membri tal-Kumitat tat-Teknoloġija, ***il-Forum Konsultattiv tal-Esperti*** u ta' kwalunkwe grupp konsultattiv ieħor li jista' jistabbilixxi;

Or. en

Emenda 1780
Paul Tang, Alex Agius Saliba, Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 57 – paragrafu 1 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(fa) jaħtar Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data;

Or. en

Emenda 1781
Paul Tang, Alex Agius Saliba, Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 57 – paragrafu 1 – punt fb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(fb) jaħtar Uffiċjal għad-Drittijiet Fundamentali;

Or. en

Emenda 1782
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 57 – paragrafu 1 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(g) jadotta l-opinjonijiet dwar l-ordnijiet ta' detezzjoni maħsubin imsemmijin fl-Artikolu 7(4), fuq il-bażi ta' abbozz ta' opinjoni pprovdut mid-Direttur Eżekuttiv;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1783
Patrick Breyer, Alexandra Geese
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 57 – paragrafu 1 – punt ha (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ha) jikkonsulta lill-Bord Konsultattiv tas-Superstiti fir-rigward tal-obbligi msemmija fil-punti (a) u (h) ta' dan l-Artikolu.

Or. en

Emenda 1784
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 58 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Viċi President għandu jissostitwixxi awtomatikament lill-President ***jekk dan ma jkunx jista' jaqdi dmirijietu***.	Il-Viċi President għandu jissostitwixxi awtomatikament lill-President ***meta jkun neċessarju***.

Or. en

Emenda 1785
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 60 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Kull membru għandu jkollu vot wieħed. Fl-assenza ta' xi membru, il-membru supplent ***tiegħu*** jkun intitolat li jeżerċita d-dritt ***li jivvota***.	2. Kull membru għandu jkollu vot wieħed. Fl-assenza ta' xi membru, il-membru supplent ***għandu*** jkun intitolat li jeżerċita d-dritt ***tal-vot***.

Or. en

Emenda 1786
Paul Tang, Alex Agius Saliba, Theresa Bielowski

Proposta għal regolament
Artikolu 61 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Bord Eżekuttiv għandu jkun magħmul mill-President u mill-Viċi President tal-Bord tat-Tmexxija, minn żewġ membri oħrajn maħtura mill-Bord tat-Tmexxija minn fost il-membri tiegħu bid-dritt tal-vot u minn żewġ rappreżentanti tal-Kummissjoni għall-Bord tat-Tmexxija. Il-President tal-Bord tat-Tmexxija għandu jkun ukoll il-President tal-Bord Eżekuttiv.	Il-Bord Eżekuttiv għandu jkun ***ibbilanċjat bejn il-ġeneri u*** magħmul mill-President u mill-Viċi President tal-Bord tat-Tmexxija, minn żewġ membri oħrajn maħtura mill-Bord tat-Tmexxija minn fost il-membri tiegħu bid-dritt tal-vot u minn żewġ rappreżentanti tal-Kummissjoni għall-Bord tat-Tmexxija. Il-President tal-Bord tat-Tmexxija għandu jkun ukoll il-President tal-Bord Eżekuttiv. ***Il-kompożizzjoni tal-Bord Eżekuttiv għandha tqis il-bilanċ bejn il-ġeneri b'mill-inqas 40 % ta' kull sess.***

Or. en

Emenda 1787
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 61 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Bord Eżekuttiv għandu jkun magħmul mill-President u mill-Viċi President tal-Bord tat-Tmexxija, minn żewġ membri oħrajn maħtura mill-Bord tat-Tmexxija minn fost il-membri tiegħu bid-dritt tal-vot u minn ***żewġ rappreżentanti*** tal-Kummissjoni ***għall-Bord tat-Tmexxija***. Il-President tal-Bord tat-Tmexxija għandu jkun ukoll il-President tal-Bord Eżekuttiv.	Il-Bord Eżekuttiv għandu jkun magħmul mill-President u mill-Viċi President tal-Bord tat-Tmexxija, minn żewġ membri oħrajn maħtura mill-Bord tat-Tmexxija minn fost il-membri tiegħu bid-dritt tal-vot u minn ***rappreżentant wieħed*** tal-Kummissjoni ***u l-Parlament Ewropew rispettivament***. Il-President tal-Bord tat-Tmexxija għandu jkun ukoll il-President tal-Bord Eżekuttiv.

Or. en

Emenda 1788
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 61 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Bord Eżekuttiv għandu jkun magħmul mill-President u mill-Viċi President tal-Bord tat-Tmexxija, minn żewġ membri oħrajn maħtura mill-Bord tat-Tmexxija minn fost il-membri tiegħu bid-dritt tal-vot u minn ***żewġ rappreżentanti*** tal-Kummissjoni għall-Bord tat-Tmexxija. Il-President tal-Bord tat-Tmexxija għandu jkun ukoll il-President tal-Bord Eżekuttiv.	Il-Bord Eżekuttiv għandu jkun magħmul mill-President u mill-Viċi President tal-Bord tat-Tmexxija, minn żewġ membri oħrajn maħtura mill-Bord tat-Tmexxija minn fost il-membri tiegħu bid-dritt tal-vot u minn ***rappreżentant wieħed*** tal-Kummissjoni għall-Bord tat-Tmexxija. Il-President tal-Bord tat-Tmexxija għandu jkun ukoll il-President tal-Bord Eżekuttiv.

Or. en

Emenda 1789
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 62 – paragrafu 2 – punt j

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(j) jaħtar Uffiċjal tal-Kontabilità, li jista' jkun l-Uffiċjal tal-Kontabilità tal-Kummissjoni, soġġett għar-Regolamenti tal-Persunal u ***għall-Kondizzjonijiet*** tal-Impjieg applikabbli ***għall-aġenti l-oħra***, li għandu jkun kompletament indipendenti fit-twettiq ***ta' dmirijietu***;	(j) jaħtar Uffiċjal tal-Kontabilità, li jista' jkun l-Uffiċjal tal-Kontabilità tal-Kummissjoni, soġġett għar-Regolamenti tal-Persunal u ***għall-Kundizzjonijiet*** tal-Impjieg applikabbli ***għall-Aġenti l-Oħra***, li għandu jkun kompletament indipendenti fit-twettiq ***tad-dmirijiet tal-Uffiċjal***;

Or. en

Emenda 1790
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 62 – paragrafu 2 – punt p

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(p) jawtorizza l-konklużjoni ta' memoranda ta' qbil imsemmijin fl-Artikolu ***53(3) u fl-Artikolu*** 54(2).	(p) jawtorizza l-konklużjoni ta' memoranda ta' qbil imsemmijin fl-Artikolu 54(2).

Or. en

Emenda 1791
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 64 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jirrapporta lill-Parlament Ewropew dwar ***it-twettiq ta' dmirijietu meta jkun mistieden*** jagħmel dan. Il-Kunsill jista' jistieden lid-Direttur Eżekuttiv jirrapporta dwar ***it-twettiq ta' dmirijietu***.	2. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jirrapporta lill-Parlament Ewropew dwar ***il-prestazzjoni tad-dmirijiet tad-Direttur Eżekuttiv meta jintalab*** jagħmel dan. Il-Kunsill jista' jistieden lid-Direttur Eżekuttiv jirrapporta dwar ***il-prestazzjoni tad-dmirijiet tad-Direttur Eżekuttiv***.

Or. en

Emenda 1792
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 64 – paragrafu 4 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) jimplimenta l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u l-ibbaġitjar skont il-ġeneru fl-oqsma kollha, inkluż l-abbozzar ta' pjan ta' azzjoni dwar il-ġeneru (GAP);

Or. en

Emenda 1793
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 64 – paragrafu 4 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) iħejji l-abbozz tar-Rapport Annwali Konsolidat tal-Attività (CAAR) dwar l-attivitajiet taċ-Ċentru tal-UE u jippreżentah lill-Bord Eżekuttiv għall-valutazzjoni u għall-adozzjoni;	(f) iħejji l-abbozz tar-Rapport Annwali Konsolidat tal-Attività (CAAR) dwar l-attivitajiet taċ-Ċentru tal-UE***, inklużi l-attivitajiet tal-Kumitat tat-Teknoloġija u tal-Bord Konsultattiv tas-Superstiti,*** u jippreżentah lill-Bord Eżekuttiv għall-valutazzjoni u għall-adozzjoni;

Or. en

Emenda 1794
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 64 – paragrafu 4 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(g) iħejji pjan ta' azzjoni li jagħti segwitu għall-konklużjonijiet ta' rapporti tal-awditjar intern jew estern u ta' evalwazzjonijiet, kif ukoll għall-investigazzjonijiet mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) u mill-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) u jirrapporta dwar il-progress darbtejn fis-sena lill-Kummissjoni u regolarment lill-Bord tat-Tmexxija u lill-Bord Eżekuttiv;	(g) iħejji pjan ta' azzjoni li jagħti segwitu għall-konklużjonijiet ta' rapporti tal-awditjar intern jew estern u ta' evalwazzjonijiet, kif ukoll għall-investigazzjonijiet mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) u mill-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) u jirrapporta dwar il-progress darbtejn fis-sena lill-Kummissjoni u ***lill-Parlament Ewropew u*** regolarment lill-Bord tat-Tmexxija u lill-Bord Eżekuttiv;

Or. en

Emenda 1795
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 66 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Kumitat tat-Teknoloġija għandu jikkonsisti f'esperti tekniċi ***maħturin*** mill-Bord tat-Tmexxija fid-dawl tal-eċċellenza u tal-indipendenza tagħhom, wara l-pubblikazzjoni ta' sejħa għal espressjonijiet ta' interess ***f'Il-Ġurnal*** Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.	1. Il-Kumitat tat-Teknoloġija għandu jikkonsisti f'esperti tekniċi ***u fil-protezzjoni tad-data maħtura*** mill-Bord tat-Tmexxija fid-dawl tal-eċċellenza ***tagħhom*** u tal-indipendenza tagħhom ***fil-konfront tal-interessi korporattivi***, wara l-pubblikazzjoni ta' sejħa għal espressjonijiet ta' interess ***f'Il-Ġurnal*** Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. ***Il-membri tiegħu għandhom jinħatru għal perjodu ta' erba' snin, li jista' jiġġedded darba. Meta jiskadi l-mandat tagħhom, il-membri għandhom jibqgħu fil-kariga sakemm jiġu sostitwiti jew sakemm il-ħatra tagħhom tiġġedded. Jekk membru jirriżenja qabel jiskadi l-mandat tiegħu, għandu jiġi sostitwit għall-bqija tal-mandat minn membru maħtur mill-Bord tat-Tmexxija.***

Or. en

Emenda 1796
René Repasi, Tiemo Wölken
f'isem il-Grupp S&D
Petar Vitanov
f'isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 66 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
